**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 16 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat numru:- 97/2016JVC**

**Carmen Vella kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' binha Saviour Vella, attwalment imsiefer, u dana kif awtorizzata bis-sahha ta' prokura generali**

**vs**

**Joseph Vella u b'digriet tad-19 ta' April 2018, il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem Joseph Vella ghal fuq isem Antonia Vella, George Vella u Christian John Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-atturi huma possessuri ta' porzjon art maghruf bhala "Tal-Buskett" fi Triq Dahlet Qorrot, Nadur, Ghawdex, bil-kejl ta cirka elfejn

u sitta u hamsin metri kwadri (2,056m.k.), liema art tinsab murija fuq il-pjanta Dokument B;

2. Illi fl-ewwel jiem ta' Settembru 2016, l-intimat kien ha f'idejh il-pussess ta' parti minn din l-art, u beda jaghmel xi xoghlijiet fiha nkluz billi wahhal fiha ghadd ta' kanen u travi tal-hadid, pogga fiha ammont ta' siment, waqqa' parti mill-hajt tas-sejjiegh li kien jiccirkonda din ir-raba', kif ukoll wahhal gate bil-katnazz f'din il-parti mwaqqa' tal-hajt tas-sejjiegh, u anki pogga xi basktijiet taz-zibel gewwa l-istess art.

3. Illi peress li b'dan il-mod, il-konvenut ha f'idejh il-pussess ta' din il-parti ta' l-art posseduta mill-atturi, bil-konsegwenza li l-atturi ma jistghux iktar igawduha, l-istess atturi pprocedew b'kawza ta' spoll fil-konfront tieghu quddiem din l-istess Qorti fl-ismijiet "Carmen Vella pro et noe vs Joseph Vella", Rikors Guramentat numru 82/2016.

4. Illi ricentement pero', u cioe' ghal nofs Ottubru 2016, l-intimat Joseph Vella rega' ghamel azzjoni ulterjuri li biha spolja ulterjorment il-pussess da parti ta' l-esponenti ta' l-art imsemmija, u dana billi qasam din ir-raba' permezz ta' xibka tal-fidiferru.

5. Illi ghalhekk ghal darb'ohra dan l-agir tal-konvenut qed jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi li jridu li dan l-ispoll jigi spurgat minghajr dewmien.

6. Illi dan ir-rikors qed jigi kkonfermat mill-attrici Carmen Vella li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi meta ha f'idejh parti mill-porzjon art maghruf bhala "Tal-Buskett" fi Triq Dahlet Qorrot, Nadur, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka elfejn u sitta u hamsin metri kwadri (2,056m.k.), liema art tinsab murija fuq il-pjanta Dokument B, u dana meta qasam l-istess raba' permezz ta' xibka tal-fidiferru.

ii. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jisporga l-ispoll minnu kommess u jerga' jirripristina l-art ghall-istat li kienet qabel twettaq l-ispoll, u jhalliha a libera disposizzjoni ta' l-atturi;

iii. Fin-nuqqas li jottempera ruhu ma' dik l-ordni tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghlijiet necessarji huma a spejjez tal-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut illi eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed jissolleva l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* stante li l-oggett tal-kawza odjerna huwa ntimament relatat mal-oggett tal-kawza fl-ismijiet ***Carmen Vella pro et noe vs Joseph Vella (Rikors Guramentat Numru 82/2016 JVC)*** li qed tinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Kopja tar-rikors guramentat numru 82/2016 qieghed jigi anness u markat bhala **Dokument JPG 1**. Ghalhekk ikun opportun li din il-kawza tintbaghat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta biex tinstema' kontestwalment mal-kawza numru 82/2016 JVC;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, minhabba l-konnessjoni tas-suggett tar-rikors guramentat odjern u dak bir-riferenza numru 82/2016 JVC hemm lok li dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment. Dan ghaliex id-decizjoni ta' kawza wahda tista' tinfluwixxi jew tolqot id-decizjoni tal-kawza l-ohra;

3. Illi ma jezistux l-estremi rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll u fil-fatt it-tliet elementi li jikkostitwixxu din l-azzjoni huma mankanti u kwindi din l-azzjoni ma tistax tirnexxi;

4. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

6. B'riferenza ghall-ewwel hames (5) paragrafi tar-rikors guramentat, l-esponenti jissenjala li dak allegat f'dawn il-paragrafi assolutament mhuwiex minnu u ghalhekk dawn qeghdin jigu kontestati fl-interita' taghhom.

Bl-ispejjez.

Rat ix-xhieda, affidavits, rapporti mal-pulizija, ritratti, kontro-ezamijiet u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li permezz tal-verbal datat 4 ta' Mejju, 2017 (fol. 60) gie ordnat li l-provi fil-kawza 82/2016 iservu wkoll bhala prova fil-kawza odjerna. Rat ukoll l-atti tal-kawza 82/2016;

Rat illi permezz tal-verbal datat 23 ta' Jannar, 2019 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza ssegwi wara ftit gimghat kawza ohra ta' spoll (bin-numru 82/2016 deciza llum stess) fejn l-atturi Carmen Vella u binha Saviour Vella allegaw li sa Settembru, 2016 huma kellhom il-pussess ta'

art maghrufa bhala 'Tal-Buskett' fi Triq Dahlet Qorrot, Nadur, Ghawdex liema art jew ahjar raba' tinsab indikata bil-kulur ahmar fuq is-'site-plan' esebita a fol. 6 tal-process odjern. Sostnew ukoll li l-konvenut Joseph Vella (li jigi hu r-ragel tal-attrici Valent Vella, illum mejjet) fil-bidu ta' Settembru, 2016 ghamel xi atti f'din l-ghalqa fosthom dahhal xi xkejjer u wahhal xi ghadd ta' kanen u travi tal-hadid, pogga xi siment, waqqa' partijiet mill-hajt tas-sejjiegh u wahhal gate bil-katnazz fil-parti li tlaqqa' l-hajt tas-sejjiegh. L-atturi sostnew ghalhekk fil-kawza precedenti li b'dawn l-atti l-konvenut Joseph Vella ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront taghhom.

Illi da parti tieghu fil-kawza 82/2016 Joseph Vella cahad li huwa ghamel l-atti msemmija b'mod klandestin anzi nsista li fl-ewwel lok bhala ko-proprjetarju tal-art flimkien ma' hutu l-ohra w'anki l-atturi (bhala eredi tal-eredita' ta' Valent Vella) ghandu kull dritt li jidhol u jaghmel uzu mill-proprjeta' in kwistjoni u fit-tieni lok sostna li ma jissussistux l-elementi tal-ispoll. Jirrizulta li fil-mori l-linja principali difensjonali tieghu kienet illi dak li Joseph Vella wettaq fir-raba' in kwistjoni huwa ghamlu sahansitra bi ftehim mal-attrici Carmen Vella u li dawn ix-xoghlijiet saru bejn Mejju 2016 u Lulju, 2016.

Konsegwentement ghall-intavolar tal-kawza ta' spoll imsemmija bin-numru 82/2016 li ggib id-data tas-7 ta' Ottubru, 2016, nhar id-9 ta' Novembru, 2016 l-atturi odjerni prezentaw din il-kawza wkoll dwar allegat spoll vjolenti u klandestin kontra l-konvenut Joseph Vella fejn fl-atti odjerni komplew jallegaw li ghal nofs Ottubru 2016 (cioe' wara li nfethet l-ewwel kawza ta' spoll) il-konvenut Joseph Vella ghamel azzjoni

ulterjuri ta' spoll fil-konfront taghhom fl-istess proprjeta' u dana billi jallegaw li qasam ir-raba' permezz ta' xibka tal-fidiferru li twahhal mal-hadid li l-konvenut gia kien wahhal qabel.

Fil-kaz odjern apparti eccezzjonijiet preliminari li gew sorvolati, il-konvenut Joseph Vella eccepixxa wkoll li din il-kawza ta' spoll ma tistax tirnexxi stante li l-elementi kollha rikjesti li jkunu sodisfatti f'kawza ta' spoll ma jissussistux.

Illi fic-cirkustanzi in vista li l-kawza bin-numru 82/2016 tallega spoll li allegatament sar qabel dak ta' nofs Ottubru, 2016 imsemmi fil-kawza odjerna kien jehtieg ghalhekk li din il-Qorti fl-ewwel lok tanalizza u tiddeciedi l-kawza bin-numru 82/2016 kif fil-fatt sar illum stess. Fil-fatt jirrizulta li fil-kawza odjerna sahansitra kien qbil bejn il-partijiet li l-provi fil-kaz 82/2016 kellhom ukoll iservu bhala prova f'din il-kawza.

Illi l-kawza ta' spoll bin-numru 82/2016 bejn l-istess partijiet giet deciza llum stess kif isegwi:

**'Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse)***, l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre***

***deduxisse).***

Illi l-awtur **Emidio Pacifici Mazzoni** fil-Volum III, Sezzjoni 52 iddefinixxa l-azzjoni ta' spoll vjolenti bhala '*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*'. [1]

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[2]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku*

[1] Emanuel Falzon et -vs- Michael Vella et deciza nhar il-10 ta' Ottubru 2011.
[2] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

'*All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[3]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[4]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[5]

u

*'neanche e' permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[6]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[7]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

'*dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti C□ivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix pruvat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla

---

[3] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[4] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

[5] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

[6] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[7] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

(Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti C□ivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Mertu:**

**Infra Bimestre:**

Illi wara li din il-qorti semghet u regghet qrat kelma b'kelma x-xhieda kollha u l-provi kollha mressqa fl-atti tqis li ghandha mill-ewwel tanalizza l-element tal-*infra bimestre deduxisse* hux sodisfatt fil-kawza odjerna u dan stante li l-provi dwar dan il-punt huma kompletament opposti fl-atti.

Illi jirrizulta fil-fatt mill-atti li artijiet f'komproprjeta' bejn l-atturi, il-konvenut Joseph Vella u hutu maghrufa bhala 'Tal-Buskett' fi Triq Dahlet Qorrot, Nadur, Ghawdex hemm tnejn, wahda maghrufa bhala l-habel ta' isfel u l-ohra bhala l-habel ta' fuq. Jirrizulta lill-Qorti li fuq l-art maghrufa jew imsejha bhala l-habel ta' isfel ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din hija fil-pussess tal-atturi jew xi hadd minnhom filwaqt li l-kontestazzjoni fil-kawza odjerna hija dwar il-pussess tal-art maghrufa jew imsejha bhala l-habel ta' fuq u li jigi aktar 'il gewwa.

Illi mill-bosta xhieda li din il-Qorti semghet u rat fl-atti jirrizulta li mhux kontestat li sa' Mejju, 2016 l-atturi Carmen Vella u binha Saviour Vella (li nzerta kien jinsab Malta ghall-perjodu ta' erba' xhur ghalkemm ilu jghix fl-Amerika sa mis-sena 2000) hasdu z-zargha li kienet saret minnhom jew almenu minn Carmen Vella b'ghajnuna ta' terzi fil-habel raba' in kwistjoni lura f'Ottubru, 2015. Din ingabret bhala balal tat-tiben u l-istess attur Saviour John Vella jikkonferma fil-kontro-ezami tieghu li sal-ahhar ta' Mejju, 2016 ir-raba' kienet tbattlet mit-tiben. Minn Gunju 2016 'il quddiem l-allegat pussess tar-raba' in kwistjoni da parti tal-atturi huwa sostnut biss mix-xhieda tal-attrici Carmen Vella li tghid li hija kienet tghaddi bil-mixi minn hdejn ir-raba' u xejn aktar. Jirrizulta li min-

naha l-ohra l-attur Saviour Borg Vella siefer lura lejn l-Amerika f'Gunju 2016 filwaqt li x-xhieda l-ohra mressqa mill-attrici lkoll jirrizulta li kienu msefrin w'ghalhekk iz-zmien tal-allegat spoll imsemmi minnhom cioe' l-bidu ta' Settembru, 2016 fl-affidavit u l-kontro-ezami taghhom ((ara fost ohrajn ix-xhieda ta' Saviour John Vella (fol. 27 u 338), Frank Vella (fol. 39 u 353) xhieda ta' Angelo Vella fol. 39 u 175)), ilkoll jikkonfermaw li dan qalitulhom Carmen Vella u mhux ghaliex ikkonfermawh huma stess b'ghajnejhom.

Illi da parti tieghu l-konvenut Joseph Vella in sostenn tat-tezi tieghu li x-xoghlijiet li minnhom jilmentaw l-atturi saru bejn l-ahhar ta' Mejju 2016 u Lulju, 2016 huwa jressaq ix-xhieda tieghu stess (qabel ma sfortuntament gie nieqes fil-mori tal-kawza), ta' martu Antonia Vella u ta' oht martu Maria Portelli, fost ohrajn, li lkoll ikkonfermaw kemm fl-affidavits taghhom kif ukoll fil-kontro-ezamijiet estensivi li sarulhom li x-xoghlijiet fir-raba' in kwistjoni fosthom il-garr ta' demel ghal gor-raba mghottija f'boroz suwed, twahhil ta' kanen u travi tal-hadid, twaqqiegh ta' hitan u twahhil tax-xatba, il-konvenut Joseph Vella bdihom fl-ahhar ta' Mejju 2016 u dawn kienu kollha lesti f'Lulju, 2016. Dan huwa wkoll korroborat minn xhieda ohra bhal Mario Portelli ( ara fol. 280 et seq) li kkonferma li fis-Sajf tas-sena 2016 u sa minn Mejju Joseph Vella kien gia qed ipoggi xi demel fir-raba' in kwistjoni u wkoll minn Mary Ann Curmi li kkonfermat in kontro-ezami li sa minn xi sentejn qabel ix-xhieda taghha li ggib id-data tat-22 ta' Marzu, 2018 hija ndunat bi bdil fir-raba' in kwistjoni ghalkemm ma kinitx taf min kien qed jaghmel jew ghalfejn sehh il-bdil (ara fol. 315 fejn tghid li kienet gibdet l-attenzjoni ta' Carmen Vella l-attrici meta din talbitha taghmel affidavit illi hija kienet innutat 'pattern' differenti).

Illi min-naha l-ohra rrizulta wkoll mill-provi mressqa fl-atti li l-atturi, partikolarment Carmen Vella (stante li l-attur l-iehor binha kien ikun imsiefer) kienu jahdmu f'din ir-raba' partikolari massimu ta' sitt darbiet f'sena, f'Ottubru meta tinharat u tigi mizrugha r-raba, f'okkazzjoni ohra wara sabiex tinghata xi medicina u f'Mejju sabiex din tinhasad. Il-Qorti tqis li fl-atti gie ampjament ippruvat li bejn il-perjodu ta' Mejju sa Ottubru meta terga' taghmel l-ewwel xita u jkun imiss il-hsad, l-attrici ta' kull sena ma kinitx tersaq jew taghmel xi tip ta' uzu minn din ir-raba'.

Illi ghalhekk din il-Qorti mill-atti hija rinfaccjata bil-verzjoni tal-attrici Carmen Vella li skont hi l-atti spoljattivi sehhew fil-bidu ta' Settembru

2016 ghaliex hi rathom dakinhar u bil-verzjoni kompletament differenti tal-konvenut u l-bosta xhieda mressqa minnu li xoghlijiet allegatament spoljattivi bdew isiru sahansitra mill-ahhar ta' Mejju 2016 'il quddiem b'dana li sahansitra sa Lulju, 2016 ix-xatba li taghlaq l-access ghar-raba in kwistjoni bil-vetturi (ara l-kontro-ezami ta' Antonia Vella a fol. 355 et seq) kienet zgur lesta sa Awissu jekk mhux f'Lulju (ara fol. 372).

Illi mill-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata jirrizulta li jinkombi fuq l-atturi (li qed jallegaw l-ispoll) li jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi lil din il-Qorti l-mument li sehh l-att spoljattiv ilmentat minnhom (u mhux meta huma ndunaw bih) izda l-Qorti fil-kawza odjerna tqis li l-atturi ma rnexxielhomx iressqu prova sodisfacenti li dan l-att spoljattiv sehh meta jsostnu huma u cioe' f'Settembru, 2016. Anzi mill-atti jirrizulta li probabbilment dawn l-atti sehhew bejn l-ahhar ta' Mejju, 2016 u Lulju, 2016. Stante li l-kawza odjerna giet intavolata quddiem din il-Qorti nhar is-7 ta' Ottubru, 2016 u jekk din il-Qorti jkollha tmur lura xahrejn allura l-atti spoljattivi kellu jigi pruvat lilha li sehhew mis-7 ta' Awissu, 2016' il quddiem izda din il-prova ma tressqitx, *per conseguenza*, jirrizulta li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* ma giex sodisfatt da parti tal-atturi fil-proceduri odjerni.

**Pussess:**

Illi mill-analizi suesposta, il-Qorti tqis ukoll li mill-provi mressqa quddiemha rrizulta li z-zmien massimu li l-atturi jistghu ragjonevolment ivantaw xi tip ta' pusses fuq ir-raba' in kwistjoni huwa dak ta' Mejju 2016 meta ghall-ahhar darba giet mahsuda l-ghalqa minnhom qabel ma' Joseph Vella, il-konvenut, ha l-pussess tal-istess ghalqa u beda jaghmel diversi xoghlijiet fl-istess ghalqa. Kif gia nghad jirrizulta li dan kien lejn l-ahhar ta' Mejju, 2016 'il quddiem. Ma tressqet l-ebda prova fl-atti li b'xi mod tevidenzja li wara Mejju 2016 l-atturi ezercitaw xi tip ta' pussess jew almenu mera detenzjoni tal-art in kwistjoni sakemm giet intavolata l-kawza odjerna.

Illi huwa wkoll dibattut bejn il-partijiet jekk appuntu l-konvenut dahalx fir-raba' in kwistjoni fl-ahhar ta' Mejju, 2016 sahansitra bil-kunsens u *buona volonta'* tal-istess attrici Carmen Vella li kienet infurmatu li ma kinitx behsiebha tibqa' tahdem l-istess raba'. Din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi mressqa fl-atti b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess konvenut Joseph Vella, ta' martu Antonia Vella kif ukoll ta' ohtha Maria

Portelli, gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li qabel Mejju 2016 kien sehh ftehim verbali bejn Joseph Vella u l-attrici Carmen Vella li huwa kellu jiehu l-pussess tar-raba' in kwistjoni wara l-hasda ta' Mejju 2016 mill-attrici u fil-fatt hekk sar. Dan anki ghaliex skont il-pjan tal-qasma li kien qed jigi diskuss bejn l-eredi l-konvenut jidher li kien ser jigi assenjat appuntu din ir-raba' partikolari. Dan huwa emfasizzat mill-provi ampji mressqa dwar laqghat u konverzazzjonijiet li saru bejn l-attrici Carmen Vella u l-konvenut Joseph Vella fil-prezenza ta' martu Antonia Vella u ohtha Maria Portelli partikolarment fil-hanut tal-kafe tal-konvenuti fejn l-attrici kienet tmur ta' kuljum filghodu. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-provi li tressqu dwar incident u konverzazzjoni partikolari fejn sahansitra l-attrici hadet lill-konvenut Joseph Vella borza tal-lewz helu sabiex huwa jkun jista' jizra' l-istess fl-ghalqa in kwistjoni sabiex din terga' timtela' bis-sigar tal-frott (ara fost ohrajn ir-ritratt a fol. 221). Din il-Qorti ftit li xejn tista' temmen il-verzjoni tal-attrici li din hija gidba vvintata mill-konvenut u zewg xhieda (il-konvenut, martu u ohtha). Il-Qorti tqis li huwa ferm difficli, ghalkemm verament dawn it-tliet persuni jigu minn xulxin, li b'xi mod dawn jistghu jivvintaw storja bhal din (li kieku ma sehhitx verament) u jibqghu jaqblu fuq id-dettalji taghha anki meta kontro-ezaminati b'mod estensiv.

Illi in vista ta' dak suespost il-Qorti tqis li l-verita' hi dik li xehdu dwarha l-konvenut, martu u ohtha u cioe' li kien hemm ftehim bejn l-attrici Carmen Vella u l-konvenut Joseph Vella li huwa jiehu l-pussess tar-raba' in kwistjoni cioe' il-habel ta' fuq wara l-ahhar hasda tant li l-attrici ghaddietlu l-lewz sabiex jizrahhom f'din ir-raba. Il-Qorti tista' biss tissupponi li xi zmien wara li hadet din id-decizjoni l-attrici Carmen Vella ghal xi raguni mhux nota lill-Qorti ddispjaciha tad-decizjoni li hadet u sabiex tipprova tregga' lura d-decizjoni taghha ntavolat il-kawza ta' spoll odjern.

**Spoliatum Fuisse:**

Illi l-konkluzjoni ta' din il-Qorti dwar il-pussess twassalha wkoll ghal dan l-element u f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni taghha stess fl-ismijiet Paul Portelli u Agnes Portelli vs. Emanuel Said deciza nhar il-5 ta' Frar, 2019 (91/2017JVC) fejn f'cirkostanzi simili fejn il-Qorti qieset li l-attur kien b'kunsens irrinzunzja ghall-pussess tal-ghalqa ddikjarat kif isegwi:

*'… Illi kif inghad fil-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata sabiex tissussisti l-azzjoni ta' spoll irid ikun hemm l-ispoliatum fuisse u cioe' azzjoni maghmula bi vjolenza jew bil-mohbi.*

*Fil-ktieb tieghu* ***Istituzioni di Diritto Civile,***[8] *l-awtur* ***Emidio Pacifici Mazzoni*** *ddefinixxa '... bi vjolenza' bhala '... qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.' Din id-definizzjoni giet diversi drabi adottata mill-Qrati taghna fosthom fil-kawza* ***Joseph Scerri -vs- Spiridione Falzon*** *fejn il-Qorti qieset spoll vjolenti bhala '...kwalsijasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skont il-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ...'*

*Illi dan l-element li l-azzjoni trid tkun maghmula bi vjolenza jew klandestinament cioe' bil-mohbi huwa nieqes u dan ghaliex kien l-attur innifsu li b'ittra tat-18 ta' Novembru 2016 informa lill-konvenut li kien sejjer jirrilaxxa l-pussess tal-art sal-15 ta' Awissu, 2017. Apparti minn hekk gie sufficjentement pruvat fl-atti li l-istess attur ha l-wicc wara ftehim mal-konvenut f'April, 2017 u konsegwentement ma jistax jitqies li zamm il-pussess tar-raba'. Dan qed jinghad ghaliex f'dawn ic-cirkustanzi meta l-konvenut Said, kif jixhed, dahal fl-ghalqa fis-Sajf tas-sena 2017 u konsegwentement f'Ottubru, 2017 harat ir-raba' in kwistjoni ma kkommetta l-ebda vjolenza u lanqas saret bil-mohbi ghaliex kien l-attur innifsu li ddikjara li sejjer jirrilaxxa l-pussess kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm bi ftehim mal-istess konvenut.'*

L-istess argument japplika ghall-kaz odjern stante li gie pruvat lil din il-Qorti li kienet l-istess attrici Carmen Vella li rrinunzjat ghall-pussess tal-habel raba' in kwistjoni meta hija cedietu lil Joseph Vella wara l-ahhar hasda f'Mejju, 2016, ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-azzjonijiet tal-konvenut Joseph Vella wara l-istess hasda saru b'mod klendestin jew vjolenti kif timponi l-ligi sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tilqa' l-**

[8] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile*, Volume III (Firenze 1873).

**eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti stante li ma gewx sodisfatti l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi kawza ta' spoll tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha odjerni bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.'**

Illi in vista tad-decizjoni suesposta jirrizulta lil din il-Qorti li f'dik il-kawza l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw lill-Qorti, sad-data tal-allegat spoll cioe' l-bidu ta' Settembru, 2016, la l-element tal-pussess u wisq anqas l-element tal-vjolenza u l-klandestinita' tal-atti tal-konvenut Joseph Vella u dan principalment stante li rrizulta pruvat lill-Qorti ftehim bejn l-attrici Carmen Vella u l-konvenut Joseph Vella li kien imur lura ghal qabel Mejju, 2016 fejn Carmen Vella ghazlet li ma tahdimx aktar ir-raba' u Joseph Vella ha r-raba' f'idejh hu bi ftehim maghha wara l-ahhar hasda da parti tal-atturi f'Mejju, 2016.

Illi ghaldaqstant sabiex possibilment tirnexxi l-kawza odjerna ta'spoll l-atturi odjerni riedu jressqu prova lil din il-Qorti li mill-bidu ta' Settembru, 2016 sad-data li giet prezentata l-kawza odjerna cioe' nhar id-9 ta' Novembru, 2016 huma b'xi mod kienu regghu hadu fil-pussess taghhom ir-raba' in kwistjoni.

Illi dwar l-attur Saviour Vella gie ampjament pruvat lill-Qorti fl-atti li minn Gunju, 2016 sad-data tal-intavolar tal-kawza fid-9 ta' Novembru, 2016 u ferm aktar wara huwa kien imsiefer fl-Amerika w'ghalhekk zgur li kien fl-impossibilita' fizika li jerga' jiehu l-pussess lura tal-ghalqa f'idejh.

Illi da parti tal-attrici Carmen Vella il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit taghha esebit fl-atti a fol. 31 et seq tal-process. Il-Qorti rat li fil-

maggorparti tieghu dan l-affidavit huwa repetizzjoni tal-affidavit precedenti esbit fl-atti tal-kawza 82/2016 u jaghmel referenza ghall-provi precedenti ghal dik il-kawza. Fl-istess affidavit ghall-perjodu ta' wara l-allegat spoll imsemmi fl-ewwel kawza li suppost sehh fil-bidu ta' Settembru, 2016 u l-kawza giet intavolata fis-7 ta' Ottubru, 2016 l-attrici zzid li fit-22 ta' Ottubru, 2016 hija regghet marret timxi:

'lejn Triq Dahlet Qorrot u nnutajt li Joe Vella ghamel xibka tal-fidiferru mal-kanen tal-hadid li biha qasam din ir-raba' u taghmel referenza ghal ritratti li gia kienu esebiti fl-atti tal-kawza l-ohra a fol. 25 u 26 tal-process. Dawn ir-ritratti jidher li ttiehdu mir-raba' maghrufa bhala l-habel t'isfel li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li ghadha fil-pussess tal-atturi u jgibu d-data tat-22 ta' Otturbu, 2016. Tghid li ghamlet rapport mal-pulizija u li l-pulizija nfurmawha li Joe Vella kien ammetta li kien hu li ghamel ix-xibka. Tghid li ghalhekk kella terga' tintavola kawza ohra ta' spoll fid-9 ta' Novembru, 2016. Il-bqija tal-affidavit taghha jsemmi incidenti ohra wara d-data tal-intavolar tal-ispoll odjern.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li din il-parti tal-affidavit tal-attrici Carmen Vella huwa l-uniku prova li tressqet da parti tal-atturi dwar dak li sehh wara l-allegat spoll koncernat fil-kawza precedenti. Minn imkien ma jirrizulta minn dawn il-ftit provi li tressqu li b'xi mod Carmen Vella kienet regghet hadet f'idejha l-pussess tar-raba' in kwistjoni maghrufa bhala l-habel ta' fuq anzi hi stess tghid li hija ndunat b'dak li gara ghaliex kienet miexja fit-triq. Il-Qorti ghamlet ukoll referenza ghas-sottomissjonijiet tal-attrici fiz-zewg kawzi u wkoll ma sabet l-ebda gjustifikazzjoni l-ghalfejn l-atturi regghu ntavolaw kawza ohra ta' spoll nonostante li ma tressqet l-ebda prova ta'

pussess fil-perjodu koncernat da parti tal-atturi anzi l-emfasi tan-nota hija fuq il-pussess f'Mejju, 2016 meta saret l-ahhar hasda mill-atturi.

Illi fin-nuqqas ta' prova sodisfacjenti sal-grad rikjest mil-ligi li l-atturi b'xi mod kienu regghu hadu f'idejhom il-pussess tar-raba' (tal-habel ta' fuq) fil-perjodu bejn l-ewwel allegat spoll u t-tieni allegat spoll koncernat fil-kawza odjerna din il-Qorti tqis li allura la darba hija nieqsa l-prova tal-pussess indubbjament din il-kawza ma tistax tirnexxi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut bhala sorvolati, tghaddi sabiex tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut fir-risposta tieghu u stante li l-elementi kollha tal-ispoll allegat ma gewx sodisfatti partikolarment l-element tal-pussess da parti tal-atturi tghaddi sabiex tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur